MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 287/2008/1

**Borg and Aquilina Limited**

**vs**

**John Cuschieri u Pierre Galea**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Novembru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hdax (11) t'Awwissu 2008 fejn talbet lil din il-QOrti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma totali ta' hamest elef tmien mija u erbgha u hamsin euro u wiehed u erbghin euro centesmu (€5854.41) ekwivalenti

ghal LM2.513.30 dovuti minnhom bhala garanti solidali tal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited. L-ammont mitlub jirapprezenta ‘n kwantu ghal €2,992.78 (ekwivalenti ghal LM1,284.80) prezz ta’ merkanzija, liema somma gia giet konfermata bhala dovuta mill-kumpanija Vincent Cuschieri Limited f’senenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tat-tlettax (13) ta’ Marzu 2007 (Dok. BA 1) w in kwantu ghar-rimanenti elfejn tmien mija u wiehed u sittin euro u erbgha u sittin euro centezmu €2,861.64 (ekwivalenti ghal LM1,228.50) fi prezz ta’ merkanzija li ghaliha l-kumpanija Vincent Cuschieri Limited offriet hlas bi cekkijiet li ma gewx onorati (Dok. BA 2). Din it-talba ghal hlas giet indirizzata lill-intimati John Cuschieri u Pierre Galea ai termini ta’ skrittura tat-tmienja (8) t’April 2002 li permezz taghha l-intimati kkositwew ruhhom garanti solidali bejniethom u flimkien mal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited favur ir-rikorrenti fir-rigward tal-obbligazjonijiet tal-istess kumpanija Vincent Cuschieri Limited favur ir-rikorrenti fir-rigward tal-obbligazzjonijiet tal-istess kumpanija Vincent Cuschieri Limited (Dok. BA 3). L-intimati naqsu li jhallsu l-bilanc mitlub minkejja li gew interpelati diversi drabi, inkluz b’ittra ufficjali ta’ l-erbatax (14) ta’ Marzu 2007 (Dok. BA 4).

Bl-ispejjez gudizzjarji w extra gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, nkluz tal-ittra ufficcjali msemmija kif ukoll bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament efettiv, kontra taghhom li huma ngunti ‘n subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Pierre Galea fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

2. Illi d-Dok. BA 3 anness mar-rikors, bl-ebda mod ma jindika li l-konvenut Pierre Galea

kkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali versu s-socjeta attrici ghar-rigward l-obbligazzjonijiet tal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited kif indikat fit-talba attrici, u fuq liema dokument hija bbazata l-kawza odjerna.

3. Illi 'n oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Pierre Galea, filwaqt li jaghraf il-firma fuq it-tieni faccata tad-Dok. BA 3 bhala tieghu, kien biss meta gie notifikat b'dawn il-proceduri li gie a konoxxenza tal-esistenza tad-dokument datat tmienja (8) t'April 2002 (u cioe l-ewwel faccata ta' Dok. BA 3) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-konvenut John Cuschieri fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Borg and Aquilina Limited.

2. Illi d-Dok. BA 3 bl-ebda mod ma jindika li l-konvenut John Cuschieri kkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali versu s-socjeta attrici ghar-rigward l-obbligazzjonijiet tal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited kif indkat fit-talba attrici u fuq liema dokument hija bbazata l-kawza odjerna.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjeta attrici li permezz taghha hija pprezentat kopja tal-process fl-ismijiet Borg and Aquilina Limited vs Vincent Cuschieri Limited (1095/06ISB) deciz mit-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar nhar it-tlettax (13) ta' Marzu 2007.

Semghet lil **Mario Cassar Naudi** jixhed nhar it-tmienja (8) ta' Jannar 2008 ghan-nom tas-socjeta attrici fejn stqarr li jokkupa l-kariga ta' Assistant

General Manager tas-socjeta attrici. Spjega li d-dokument li hemm a fol. 5 tal-atti huwa *credit form application* tas-socjeta attrici u meta klijent jitlob kreditu mas-socjeta attrici, dan jimla kopja ta' din il-formula sabiex b'hekk, dik il-persuna li tkun iffirmat il-formula, tkun qed tidhol responsabbli ghad-debitu li effettivament ser jkollha. Dan id-dokument kien gie ffirmat mill-klijent u mill-*credit controller* tas-socjeta attrici.

Semghet lid-Direttur tas-socjeta attrici **Steve Borg** jixhed u jikkonferma li s-socjeta attrici kellha relazzjoni twila mal-konvenut John Cuschieri u dan ghaliex kellha negozju mal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited li taghha l-konvenut John Cuschieri hu azzjonist. Jghid li l-konvenut John Cuschieri pero ma riedx ihallas lis-socjeta attrici u kien indahal biex jara x'setgha jaghmel, izda sussegwentement dan kien tahom xi *post dated cheques* li ma gewx onorati. Huwa kien ikkomunika mieghu u dan qallu sabiex jaghtih cans u li ma kienx ser jidhaq bih. Ammetta mieghu li kellu jaghtih il-flus izda ried zmien biex jonora l-*committment* tieghu. Dan nonnostante baqa' ma hallsux. Ikkonferma li huwa kien jikkomunika dejjem mal-konvenut Cuschieri u li l-konvenut Galea ma kienx jafu.

Semghet lill-konvenut Pierre Galea jixhed u jghid li huwa jokkupa l-kariga ta' *Financial Controller* tal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited u din kienet tixtri mercja minghand is-socjeta attrici u jghid li sakemm dam impjegat mal-kumpanija Vincent Cuschieri Lmited, jaf li kellha kont mas-socjeta attrici. Mistoqsi kemm kien id-debitu, jghid li ma jiftakarx u jzid jispjega li kien spicca ix-xoghol tieghu f'Mejju tas-sena 2004. Meta gie muri d-dokument a fol. 5 tal-process, jghid li huwa jgharaf l-firma tieghu bhal dik li tidher fuq il-firma ta' John Cuschieri. Jispjega li kien gie mitlub jiffirma mill-konvenut John Cuschieri sabiex jiffirma dan id-dokument li ghalih kien mahsub ghal MFSA.

Jghid li d-dokument a fol. 5 kien rah l-ewwel darba meta rcieva l-avviz odjern. Jgharaf il-*handwriting* fuqu u jghid li dak huwa ta' John Cuschieri. Jghid li huwa mhux qed jikkontesta t-talba attrici, izda qed jikkontesta l-fatt li s-somma hija mitluba minnu. Ikkonferma li mal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited kien ilu jahdem ghal perjodu ta' ghoxrin sena u r-relazzjoni li kellu mad-dirigenti taghha, kienet wahda tajjeb hafna. Mistoqsi jekk jafx x'kienet is-sistema ta' *credit* f'din il-kumpanija Vincent Cuschieri Limited, ighid li ma jafx. Jghid ukoll li sa fejn jaf hu, ma jafx li ffirma xi karti tas-socjeta attrici.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2009 Dottor Camilleri ghan-nom tas-socjeta attrici, pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut Vincent Cuschieri u dan sabiex iwiegeb ghal certu domandi 'n subizzjoni.

Illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Novembru 2009, l-konvenut John Cuschieri ma dehrx in subizzjoni w ghalhekk, il-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza fuq l-provi migbura.

Ikkunsidrat:-

Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta attrici qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' hamest elef tmien mija u erbgha u hamsin euro u wiehed u erbghin euro centesmu (€5854.41) rapprezentanti garanzija solidali ffirmata minnhom ghal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited.

Il-konvenuti qed jecepixxu li mhux minnu li huma kkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited.

Issa, hi fil-fatt gurisprudenza pacifika, li min jallega l-pagament, ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni

tal-Qorti (Vol**.XL1X p11 p 776**). Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol.XXXV11 p1 p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV p 111 p 604; <u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>**, Appell, 28 ta' Jannar 2000).

Naturalment, is-socjeta attrici li tallega d-debitu, ghandha fl-ewwel lok u dejjem, l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa jimpera l-principju '*actor non probante reus absolvitur'.*

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **<u>Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe</u> :-**

**"***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hi jista jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti."*

Ma hemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu, jibqa fuq is-socjeta attrici mill-bidu sal-ahhar tal-kawza, ghax hi qed tallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Mejju 1970 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri</u>** u kkonfermat fis-sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imh. Ph. Sciberras) nhar id-dsatax (1)9 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **<u>Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace:-</u>**

*"F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu,*

*in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor reus in excipiendo fit actor, ghax jerga jinghad*, *l-oneru centrali tal-akkuza jiqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li verament id-debitu kien dovut mill-kumpanija Vincent Cuschieri Limited kif del resto li jidher mill-ftehim iffirmat nhar it-tmienja (8) t'April 2002 esebit fl-atti a fol. 5.

Illi minn ezami ta' dan id-dokument, jidher li kienet il-kumpanija Vincent Cuschieri Limited li kienet ikkontrattat mas-socjeta attrici u mhux il-konvenut individwali.

Jirrizulta permezz tal-istess dokument, li l-kumpanija Vincent Cushieri Limited kienet iffirmat *credit agreement* mas-socjeta attrci fejn din inghatat terminu ta' disghin (90) gurnata sabiex tonora d-debiti taghha sal-ammont ta' hmistax il-elf lira maltin (LM15,000).

Jirrizulta wkoll minn ezami tad-dokument a fol. 6 tal-atti, li ix-*shareholders* ta' din il-kumpanija Vincent Cuschieri Limited, huma il-konvenuti stess. Pero naturalment dawn ghandhom personalita distinta u separata mis-socjeta.

Jirrizulta mill-provi li d-debitu msemmi fl-avviz, kien ovut mill-kumpanija Vincent Cuschieri Limited u li l-istess kumpanija ttentat thallas id-debitu taghha permezz ta' zewg pagamenti, liema pagamenti saru permezz ta' zewg *post dated cheques* li kopja taghhom jinsabu esebiti fl-atti, izda dawn ma gewx onorati.

Illi Vincent Cuschieri ma xehedx f'dawn il-proceduri filwaqt li l-konvenut Pierre Galea xehed u kkonferma li l-kumpanija Vincent Cuschieri Limtied kien ikollha *outstanding debits* mas-socjeta attrici fiz-zmien li kien jokkupa l-kariga ta' *Financial Controller*. Qal ukoll li sa fejn jiftakar, meta spicca l-impieg tieghu minn mal-kumpanija Vincent Cuschieri Limited, din kellha debitu favur is-socjeta attrici pero ma setghax jghid f'liema ammont.

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti:-

Illi l-kumpanija Vincent Cuchsieri Limited ghamlet ftehim mas-socjeta attrici dwar *credit arrangement* u dan jnsab esebit fl-atti a fol.5. Fuq wara ta' dan il-ftehim, hemm minn huma d-diretturi ta din il-kumpanija Vincent Cuschieri Limited, pero ma jinghadx li dawn l-istess zewg minn nies iffirmaw dan l-*agreement* f'isimhom porprju. Hija l-kumpanija Vincent Cuschieri Limtied li hija l-firmatarja. Illi ghalhekk il-konvenuti qatt ma messhom gew imharka fil-vesti taghhom personali.

Ghaldaqstant l-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-ammont mitlub fl-avviz huwa dovut lis-socjeta attrici, zgur pero li jista jinghad li dan l-ammont mhux dovut mill-konvenuti personalment kif gew imharrka w ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li din giet intavolata fil-konfront tal-konvenuti personalment w ghalhekk qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti personalment fl-ebda hin ma dahlu garanti ghall-kumpanija Vincent Cuschieri Limited.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali u l-imghax jithallas mill-konvenuti bejniethom.”

Is-socjeta` attrici tikkontesta din is-sentenza bl-aggravji f'din l-ordni:-

1. Proceduralment l-ewwel Qorti ma applikatx korrettement il-procedura tas-subizzjoni ghaliex hi kellha tqis il-fatti mnizzla fil-kapitolu bhala mistqarra u b'hekk tghaddi biex tiddeciedi favur it-talba taghha;

2. Proceduralment ukoll gie mill-ewwel Qorti lez lilha d-dritt *audi alteram partem* ghaliex ma nghatatx l-opportunita` li tistaqsi domandi lill-konvenut John Cuschieri, u lanqas ma nghatat il-possibilita` li tressaq is-sottomissjonijiet taghha, verbalment jew bil-miktub, kif hekk jipprovdi l-Artikolu 204 tal-Kapitolu 12;

3. Fil-meritu, il-konvenuti kellhom jitqiesu personalment u solidalment responsabbli ghaliex huma kienu ffirmaw ftehim maghha fir-rigward;

Konsiderat *per se*, l-ewwel aggravju ma jidherx li hu fondat fid-dritt. Fuq il-punt din il-Qorti diga` kkummentat bosta drabi u mhux il-kaz li tiddilunga zzejjed dwaru, jekk mhux biex tenfasizza din l-osservazzjoni. In-nuqqas ta' twegiba ghall-interrogatorju kostitwit bil-kapitolu, ghalkemm ghandu valur ta' ammissjoni tal-fatt dedott, jibqa' b'danakollu, argoment indizzjarju ta' prova soggett ghall-valutazzjoni ampja tal-provi minn Qorti. Jista' jaghti l-kaz, allura, illi mill-apprezzament relattiv li jsir dik l-istess prova indizzjarja mhux bilfors tassumi tifsira probatorja ghaf-favur ta' l-attur u kontra l-persuna kapitolata. "Ghal tali konkluzjoni l-gudikant ghandu jasal biss wara li jkun ivvaluta kull element iehor tal-provi" ("**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru, 1934). Konsiderazzjoni din ri-affermata fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' April 2000 in re: "**James Trapani *et* -vs- Vincent Cilia**", u fejn inghad illi "l-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti". Ara fl-istess sens id-decizjoni

ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Stephen Vella *et* -vs- Bollicine Limited *et***", 9 ta' Jannar, 2008;

Jinzel b'konsegwenza minn dak kollu dedott illi n-nuqqas tal-parti konvenuta li twiegeb ghall-kapitolu ma jgibx awtomatikament illi s-socjeta` attrici pprovat il-kaz taghha jew li minn tali nuqqas tingibed konkluzjoni sfavorevoli ghall-konvenut. Kollox hu mholli fil-poter valutattiv diskrezzjonali mill-Qorti tal-kumpless tal-provi. Wisq ragonevolment, il-konfessjoni li tinzel mill-kapitolu tista' ultimament sservi bhala element indizzjarju qawwi u posittiv li kapaci jintegra l-konvinciment fil-Qorti tal-fondatezza tat-talba promossa, izda din hi haga ohra, li trid tigi kkonsiderata 'l quddiem fl-ezami tat-tielet aggravju;

Fil-konsiderandi tat-tieni motiv ta' aggravju, il-Qorti trid tibda biex tirregistra illi hu ferm desiderabbli illi qorti jew tribunal jakkordaw lill-partijiet fil-kawza l-opportunita` shiha li mhux biss jipproducu l-provi kollha taghhom ghas-sostenn tat-talba jew ta' l-eccezzjonijiet ghaliha imma wkoll li jizvolgu, fiz-zmien koncess, ir-repliki u s-sottomissjonijiet konkluzjonali ghat-tishih ta' l-argomenti taghhom. Trattasi li dan il-principju hu wkoll statutorjament imhares [ara Artikolu 204 (1), Kapitolu 12], evidentement l-istess hu inderogabbli u ghandu jigi dejjem rispettat. F'certi qaghdiet il-vjolazzjoni tal-precett stabbilit f'dak l-artikolu jista' anke jwassal ghan-nullita` tas-sentenza. Fil-kaz prezenti l-Qorti mhux ser tadotta din il-mizura drastika, anke ghaliex issa d-deduzzjonijiet li xtaqet taghmel is-socjeta` appellanti huma ben kontenuti fit-tielet motiv ta' aggravju;

Jidher proprju minn dan l-ahhar motiv illi l-assunt tas-socjeta` attrici jirpoza fuq il-konsiderazzjoni u fuq l-interpretazzjoni li jrid jinghata lid-dokument a fol. 5 u li permezz tieghu ntlahaq arrangament dwar facilitajiet kreditizji. Senjatament ghal dak li jghodd ghall-vertenza *de qua* l-klawsola 4 tal-ftehim li jistipula illi "*this request is being submitted with the consent of all the directors and*

*shareholders, as evidenced by the undersigned signature/s who shall be jointly and severally liable for the performance of all obligations*";

Posta din il-kwestjoni li fuqha l-partijiet ikkontendew dwarha quddiem l-ewwel Qorti, jixraq l-ewwelnett li jigu brevement riprodotti dawn il-fatti kif johorgu mill-attijiet tal-kawza:-

(1) *In primis* jirrizulta illi d-debitur tas-socjeta` attrici kienet is-socjeta` Vincent Cuschieri Limited u kienet din li tramite r-rapprezentanti taghha John Cuschieri talbet li tigi akkordata l-facilitajiet kreditizji ghal liema jirreferi l-precitat dokument a fol. 5 tal-process. Ara deposizzjoni ta' Steve Borg, direttur tas-socjeta` attrici a fol. 23;

(2) Dejjem minn din l-istess deposizzjoni ta' dan ix-xhud jirrizulta illi l-komunikazzjonijiet dejjem saru mal-konvenut John Cuschieri, anke ghaliex hu lill-konvenut l-iehor Pierre Galea ma jafux (fol. 24);

(3) Fix-xhieda tieghu (fol. 43) Pierre Galea jistqarr li hu kellu l-kariga ta' Financial Controller mal-kumpanija Vincent Cuschieri Ltd sakemm spicca mill-impjieg f'Mejju, 2004. Jghid ukoll illi ghal xi zmien kien ukoll jokkupa l-kariga ta' direttur fl-istess kumpanija;

(4) Id-dokument a fol. 5 juri li dan gie ffirmat sija minn John Cuschieri, kif ukoll minn Pierre Galea. Dan ta' l-ahhar pero` jispjega illi dik il-firma ghamilha ghaliex hekk gie mitlub minn Cuschieri u ghaliex haseb ukoll illi kienet xi kwestjoni ta' l-MFSE. Huwa jghid ukoll li ma jiftakarx jekk irceviex interprellazzjonijiet ghall-hlas minghand is-socjeta` attrici;

(5) Fis-27 ta' Ottubru, 2009 (ara verbal a fol. 46) il-konvenut Cuschieri sarlu interrogatorju permezz ta' kapitolu fejn fih *inter alia* gie mistoqsi jekk il-kumpanija Vincent Cuschieri Ltd kienetx debitrici tas-socjeta` attrici u jekk hu kkostitwiex ruhu garanti solidali flimkien ma' l-imsemmija kumpanija ghall-obbligazzjonijiet tal-hlas tad-

debitu dovut. Ghal dan il-kapitolu l-imsemmi konvenut baqa' kontumaci;

B'dawn il-fatti premessi l-Qorti qed taghmel il-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

1. Ibda biex, jghidu x'ighidu l-konvenuti fir-risposti ta' l-appell, ukoll jekk fid-dokument a fol. 5 jinghad li l-Clients' Name hu John Cuschieri, ma jezisti ebda dubju illi l-facilitajiet kreditizji ntalbu mis-socjeta` Vincent Cuschieri Ltd u mhux minn John Cuschieri personalment. Mod iehor, ma jsibx spjegazzjoni l-kontenut ta' l-istess dokument u l-aktar il-klawsola 4 tieghu fuq riportata. Wara kollox, wiehed ma jistax ma jinnotax illi dan l-istess dokument imtela ghal certi partikolartajiet fih mill-konvenut Cuschieri u mhux mis-socjeta` attrici. Ara xhieda ta' Pierre Galea a fol. 43. Del resto, wisq tajjeb ukoll, din l-istess konstatazzjoni hi sew rikonoxxuta fis-sentenza appellata, u dwarha ma tressaq ebda gravam mill-konvenuti appellati;

2. Korrettement intiza, il-klawsola 4 ta' l-arrangament milhuq, sfortunatament ghal kollox skaratata jew injorata mill-ewwel Qorti, ma tistax hlief tinftiehem illi d-diretturi u/jew l-azzjonisti tas-socjeta` Vincent Cuschieri Ltd kienu qed jikkonsentixxu ghal dak l-istess arrangament. Mhux dan biss, pero`, ghaliex ukoll, *qua* firmatarji tad-dokument, huma kienu qed jaccettaw u jirrikonoxxu illi huma, personalment, kienu "*jointly and severally liable*" ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet tal-kumpanija taghhom li talbet il-koncessjoni tal-facilitajiet kreditizji;

3. Innegabilment, din il-garanzija hekk mitluba minghandhom kienet tikkostitwixxi dak ir-rapport guridiku obbligatorju intiz biex jirrafforza u joffri sigurta` lis-socjeta` attrici kreditrici mill-pregudizzju li, altrimenti, seta' jidderivi lilha minn qaghda ta' riskju li fiha s-socjeta` debitrici Vincent Cuschieri Ltd ma tkunx zammet l-impenn obbligatorju taghha;

(4) Proprjament, bhala riflessjoni aktar akkurata ta’ dritt, il-garanti solidali maghmula lill-kummercjant, bhal ma hi s-socjeta` attrici, hu, kif ritenut, “ekwiparat ghall-istess kondebitur *in solidum*, cioe, *correus debendi*. Huwa ghalhekk li ghalih huma applikabbli *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghall-kondebitur solidali”. Ara “**Emmanuele Baldacchino -vs- Joseph Schembri**”, Apell Kummercjali, 2 ta’ Dicembru, 1963. Il-Qorti ma thossx li ghandha tiddilunga zzejjed fuq il-principji tal-garanzija solidali, u, anzi, thoss li, a skans ta’ ripetizzjoni, jibbasta li taghmel referenza ghal certi decizonijiet taghha fuq is-suggett. Ara fost ohrajn “**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd -vs- Mario Pickard *et nomine***”, 19 ta’ Ottubru 2005, “**Mark Camilleri -vs- James Clifford Micallef *et***”, 28 ta’ Novembru, 2008 u “**Primrose Poultry Products Ltd -vs- Joseph Balzan *et***”, 12 ta’ Dicembru, 2008;

(5) Dak li hu cert mill-assjem tal-provi hu illi l-konvenuti ghandhom f’dan il-kaz jitqiesu bhala garanti solidali fit-termini ta’ l-Artikolu 1094 *et sequitur* tal-Kodici Civili u ghalhekk personalment u solidalment responsabbli ghas-sodisfaciment tal-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici appellanti. Fiz-zgur, dan huwa hekk fir-rigward tal-konvenut John Cuschieri, ukoll fuq l-istregwa tal-konfessjoni kapitolata. Mhux lanqas eskluz fil-kaz tal-konvenut l-iehor Pierre Galea, li kif mistqarr minnu kien ukoll direttur tal-kumpanija Vincent Cuschieri Ltd. Jekk hu ghazel li jiffirma minghajr ma esplora sew ghalxiex kien qieghed jiffirma, *imputet sibi* imma ma jistax ragonevolment jehles mill-obbligu tieghu di fronte ghas-socjeta` attrici li jhallas ghal dak li ffirma ghalih skond id-dokument in atti. Wara kollox ma jirrizultax li hu ta’ xi intelligenza skarsa jew debboli biex ikun jista’ jinghad illi l-konvenut l-iehor Cuschieri impona l-volonta` tieghu fuqu b’mod li jivvizzja l-kunsens tieghu. Pjuttost, l-istess apprezzament tax-xhieda tieghu jhalli fil-Qorti toghma ta’ certa inkurja fih fil-harsien ta’ l-interessi tieghu. Ara ghal certu xebh is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Marzu, 2004 fl-ismijiet “**MCE Limited -vs- Mario Pickard *nomine et***”, citata wkoll mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta’ l-appell taghha.

Ghal konsiderazzjonijiet kollha premessi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell fil-mertu u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Addizzjonalment, il-Qorti qed tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fl-Avviz promotur, kompriz l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali reklamata u tordna li dawn flimkien ma’ l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew solidalment mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------